## F'GĦELUQ IT-30 SENA

# L-ARĊIDJOĊESI MALTIJA

**Kemm hawn nies wiċċhom tost! Wieħed minnhom huwa l-Editur il-ġdid tal-"Leħen Is-Sewwa". Minkejja li ma kienetx tmiss il-ġimgħa tiegħi, ċempilli u talabni (biex ma ngħidx ikkmandani) niktiblu artiklu għall-ħarġa ta' l-aħħar tas-sena dwar l-irfigħ tad-Djoċesi Maltija għall-Arċidjoċesi fl-1944 li ser tagħlaq 30 sena fl-ewwel tas-sena. Kont ġa għedtlu nofs "le" (jekk il-kelma "le" tista timqasam) meta ftakart li jiena wkoll kont Editur ta' dak il-ġurnal u xi waħda bħal tiegħu għamilt aktar minn darba. B'dana kollu ma kontx irrid min isejjaħli "wiċċ tost" minħabba f'hekk, iżda kont naħseb li iżjed kien xieraq li wieħed isejjaħli "editur li jħobb il-ġurnal u li lest jidher ikrah u jseffaq wiċċu għall-ġid tiegħu. Bravu, bravu, Sur Editur! Imma, nitolbok, mis-sebgħa tieħux l-id! U arani ser nidħol fis-soġġett li tajtni. Kuntent?**

### *MINN MONS. PROF. ARTURO BONNICI*

**ARĊISQOF TITULARI TA' RODI**

It-titlu ta' Arċisqof lill-Isqof ta' Malta beda jingħata hekk. L-Isqof Sqalli Gwanni Carmine Pellerano (1770-80) ma tantx ingieb mal-Grammastru Franġisku Ximenes, għaliex żamm mal-poplu u l-kleru Malti fl-aspirazzjonijiet tagħhom għal trattament aħjar mill-Ordni. Għalhekk, il-Grammastru akkużah lis-Santa Sede bħala xewwiexi. Il-Papa Klementi XIV sejjaħ lill-Isqof Ruma fis-7 ta' Settembru 1774. Minħabba l-mewt tal-Papa, l-Isqof telaq minn Malta fil-5 ta' April 1775, bit-tama li jerġa' lura na jissokta jmexxi l-merħla li tant kien iħobb. Iżda ġara li s-Santa Sede damet taħsibha 5 snin, jekk għandhiex tibgħatu lura f'ħalq Awtorita' Ċivili li ma kinetx iġġibu, jew iżżommu fil-Kurja Rumana bl-unuri kollha.

Fl-aħħar irnexxielha tipperswadieh jirriżenja mill-Veskovat; ingħatatlu pensjoni ta' 7,000 skud fis-sena fuq il-Mensa Veskovili ta' Malta, u l-Papa onorah bit-titlu ta' Arċisqof ta' Rodi, "in partibus infidelium". Minn floku laħaq Isqof Mons. Vincenzo Labini (1780-1807).

**"IN PARTIBUS INFIDELIUM"**

Għal min ma jafx "Isqof in part. infid." (jiġifieri f'territorju f'idejn l-infidili) huwa dak l-Isqof li m'għandux setgħa fuq il-poplu u t-territorju li tiegħu huwa Isqof, iżda għandu biss titlu ta' Sedi qadima, li, minħabba fin-nuqqas ta' nsara, m'għadhiex aktar djoċesi kattolika residenzjali. Mill-1822 'l hawn dawn l-Isqfijiet bdew jissejħu "Isqfijiet Titolari" biex jintgħażlu mill-Isqfijiet l-oħra li għandhom setgħa, imsejħin "Isqfijiet Residenzjali", li għandhom ukoll l-obbligu li joqgħodu fit-territorju jew djoċesi tagħhom.

L-Isqof Labini kien kalabriż membru tal-kongregazzjoni tat-Teatini, bniedem l-aktar qaddis. Kien ilu iriegi d-djoċesi 17-il sena, meta s-Santa Sede, wara li kkonsidrat li "l-Maltin ħaddnu l-Fidi ta' Kristu li ppriedkalhom San Pawl, li l-popolazzjoni maltija kienet tlaħħaq mal-100,000 ruħ u li f'Malta kien hawn Knisja Katedrali u 5 Knejjes Kolleġġjati u kienet immexxija mill-Kavallieri tal-Ordni Ġerosolmitan, u l-Isqof kien membru ta' dak l-Ordni, li darba



ħakem fuq il-gżira ta' Rodi, fit-3 ta' Marzu 1797 għaqqdet l-arċiveskovat titolari ta' dik il-gżira mal-Veskovat ta' Malta u tat lill-Isqof ta' Malta il-jedd li jissejjaħ ukoll Arċisqof ta' Rodi u l-jedd li jilbes il-pallju (dak iċ-ċintorin tas-suf abjad bi slaleb suwed li jintlibes madwar l-għonq) u privileġġi oħra arċiveskovili. Dat-titlu baqa' jintiret minn Isqof għall-ieħor.

**ARĊISQOF B'TITLU PERSONALI**

Fit-28 ta' Marzu 1928, is-Santa Sede reġgħet waqqfet l-Arċidjoċesi ta' Rodi bħala sedi residenzjali, u għalhekk it-titlu ma setgħax jinġieb aktar mill-Isqof ta' Malta. Minħabba f'hekk, l-istess Santa Sede tat it-titlu personali ta' "Arċisqof" lill-Mons. Mawru Caruana, li kien isqof ta' Malta dakinhar.

Imma titlu personali jieqaf mal-mewt tal-persuna li tkun gawdietu. Għalhekk is-suċċessur ta' Mons. Caruana, li kien Mons. Gonzi, ma wiretx dak it-titlu. Iżda, b'telegramm li jġib id-data tas-27 ta' Diċembru 1943, dan ġie mgħarraf li l-Papa Piju XII tah it-titlu personali ta' Arċisqof. Dan kien 10 tijiem wara li hu laħaq Isqof ta' Malta mal-mewt ta' Mons. Caruana.

**L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Dat-titlu personali dam 4 tijiem biss, għaliex b'Bolla Pontifiċja li ġġib id-data tal-1 ta' Jannar 1944, dak it-titlu ingħaqad mad-djoċesi, li ntrefgħet għad-dinjita' Arċiveskovili.

Il-motivazzjoni għal dan l-irfiegħ kienet din: "Kulħadd jaf li l-Knisja ta' Malta kellha l-bidu 'l-aktar nobbli tagħha sa minn żmien l-Appostli u li fil-medda twila taż-żmenijiet qatt ma naqset li timxi 'l quddiem fit-Twemmin u fir-Reliġjon, anzi kienet imdawwla bl-imġieba qaddisa tal-Isqfijiet u tal-membri tagħha" . . ."Għalhekk aħna", iddigrieta

*(Ikompli fil-paġna 11)*

## L-ARCIDJOCESI MALTIJA

(*Jaqbad mill-paġna 7*)
l-Papa imsemmi, "nerfgħu u ngħollu din il-Knisja għall-grad u dinjita' ta' Knisja Metropolitana u lilha u lill-Arċisqfijiet tagħha ta' kull żmien nagħtu l-jeddijiet, privileġġi, insenji, unuri u prerogattivi li skond il-Liġi Komuni jgawdu l-Knejjes Metropolitani u r-Ragħajja tagħhom".

"Barra minn dan", jissokta jgħid il-Papa fil-Bolla, "aħna nikkostitwixxu d-Djoċesi ta' Għawdex li s'issa kienet immedjatament soġġetta għas-Santa Sede) bħala suffraġanja tal-Knisja Metropolitana ta' Malta, u l--Knisja ta' Malta u dik ta' Għawdex jagħmlu flimkien Provinċja Ekkleżjastika li tissejjaħ Maltija. Fl-aħħarnett, aħna ngħollu l-Kapitlu Katedrali ta' Malta għall-grad u dinjita' ta' Kapitlu Metropolitan bil-jeddijiet u privileġġi kollha, insenji u unuri, kif ukoll piżijiet u dmirijiet li għandhom il-Kapitoli Metropolitani l-oħra.

Pastorali tal-Arċisqof, fis-17 ta' Mejju 1944, xandret l-aħbar f'Malta u fl-4 ta' Ġunju, nhar it-Trinita' Mqaddsa, sar f'San Gwann Pontifikal Sollenni bil-Kant tat-Te Deum b'ħajr lil Alla. Is-Sibt ta' qabel indaqqet mill-Knejjes ta' Malta kollha mota ta' nofs-siegħa, u mota oħra ta' 10 minuti l-Ħadd għall-10.30 a.m. Il-Gvernatur u kbarat oħra attendew għat-Te Deum.

Fil-Pastorali tiegħu l-Arċisqof talab lill-insara biex iroddu ħajr lil Alla li għoġbu jerfa' d-djoċesi u biex jintrabtu b'rabta aqwa ta' fidi u ta' mħabba mal-Papa.

Dan hu li aħna wkoll nixtiequ f'din l-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena li d-Djoċesi ta' Malta ġiet merfugħa għall-Arċidjoċesi Metropolitana.